# Restawr tal-Istatwa ta' San Girgor

**Dan huwa diskors li għamel l-artist u restawratur Żejtuni, is-Sur Anthony Spagnol, waqt iċ-ċerimonja "Lejlet San Girgor" li ġiet organizzata minn Wirt iż-Żejtun fit-22 t'April 2014.**

F'Malta, l-aħħar snin tas-seklu 18 beda jrewwaħ riħ ta' bidla fit-tmexxija ta' dawn il-gżejjer. Dan kien ifisser it-tluq tal-Kavallieri u l-miġja tal-Franċiżi u aktar tard tal-Inglizi. Fl-arti wkoll bdiet tinħass bidla oħra 'l bogħod mill-idjona Barokka mħaddma b'majjestrija kbira mill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann.

L-istil il-ġdid kien magħruf bħala Neoklassiku. Dan l-istil kien ħafna konġenjali mat-temperament Anglo-Sassonu tal-Inglizi. Il-pittur Żejtuni Michele Busuttil kien wieħed mill-ewlenin li kkontribwixxa (għalkemm b'mod ristrett) għal din it-togħma ġdida fl-arti. Moviment ieħor li kien ried isaffi l-arti b'mod partikulari dik sagra mit-teatralità tal-Barokk, kien imsejjaħ Purista. Dawn riedu bħallikieku jdawru l-arloġġ lura għaż-żmien il-bidu tar-Rinaxximent fejn kienu jqisu l-arti ta' dak iż-żmien bħala pura u bla żbalji.

Din l-oppożizzjoni għall-Barokk żdiedet minn moviment ieħor, imsejjaħ in-Nazzareni. Dan il-moviment beda f'Lucasbruder fi Vienna. Kien kważi ordni reliġjuż, infatti l-membri tiegħu kienu jilbsu lbies distint u jħallu xagħarhom twil; għalhekk ġew imlaqqmin in-Nazzareni. L-għan tal-moviment kien li jerġa' jiġġenera valuri spiritwali fl-arti reliġjuża mingħajr l-esaġerazzjonijiet tal-Arti Rinaxximentali u dik Barokka u sa ċertu punt ukoll dik Neoklassika, fejn id-dixxiplina fit-tagħlim tal-arti kienet waħda rigoruża għall-aħħar.

F'Malta l-protagonisti ewlenin tal-moviment tan-Nazzareni kienu Giuseppe Hyzler u ħuh Vincenzo. Xi artisti oħra Maltin ingħaqdu magħhom, fosthom Giuseppe Calleja, Pietru Pawl Caruana u Antonio Falzon. Fil-knisja parrokkjali tagħna nsibu l-aktar xogħol prestiġġjuż ta' Vincenzo Hyzler: l-Appostlu Sant'Andrija.

Giuseppe Hyzler kien sar bniedem influwenti ħafna fix-xena tal-arti f'Malta. Fuq l-insistenza tiegħu ammont konsiderevoli ta' skultura u ornamenti oħra Barokki ġewwa l-knejjes tagħna kienu mneħħija jew imnaqqsa.



Ġewwa l-Konkatidral ta' San Ġwann, il-kappella ta' Franza marret minn taħt bil-kbir. L-artal Barokk ġie mibdul ma' wieħed mingħajr l-ebda dekorazzjoni filwaqt li xi skultura tal-ħitan ġiet mibdula ma' oħra aktar sempliċi. B'xorti tajba l-kritika qawwija li saret wara dan kollu, salvat lill-Konkatidral ta' San Ġwann milli jkun imneżża' mis-sbuħija li għandu llum.

Fiż-Żejtun għandna wirt ieħor tal-Moviment tan-Nazzareni. Dan huwa proprju l-istatwa li qegħdin madwarha llejla u li se nawguraw il-konservazzjoni u r-restawr tagħha. Din l-istatwa kienet ġiet ikkummissjonata mill-kantur, il-Kanonku Annetto Consolani Mamo fl-1837. Kienet iddisinjata minn Giuseppe Hyzler innifsu u l-eżekuzzjoni tax-xogħol sar mill-iskultur Salvatore Dimech. L-istess Kanonku Consolani Mamo ikkummissjona wkoll it-tneħħija tal-kappella ta' San Ġakbu fil-ġenb ta' din il-knisja, it-tneħħija ta' żewġ artali fil-kappelluni u t-tisħiħ min-naħa ta' barra tan-navata prinċipali permezz ta' lqugħ ornamentali tal-istil Neo-Gotiku.

L-istatwa turi l-Papa San Girgor il-Kbir bilqiegħda fuq tron dekorat b'ornamenti delikati u bi ktieb kbir fuq ħoġru. L-id tax-xellug qiegħda twieżen il-ktieb u l-oħra mistrieħa fuq waħda mill-paġni tiegħu. Il-figura hija waħda statika għall-aħħar; ir-ras tal-Papa, b'ħarstu mdawra fuq il-lemin tiegħu, tagħtina indikazzjoni ta' moviment meqjus. L-ilbies tal-qaddis huwa nieqes għalkollox minn piegi esaġerati.

Il-pedestall ta' taħt l-istatwa huwa wkoll wieħed sempliċi. Id-disinn tiegħu jixbah ħafna lill-istruttura Punika li tinsab fil-ġnien tad-dar tal-Arċipriet taż-Żurrieq. Dan ix-xebh jidher ukoll fid-daqs kbir tal-ġebel użat.

Għaddew 177 sena minn dakinhar li twaqqfet din l-istatwa. Xi darba kienet fil-kampanja, illum imdawra bil-bini. Dak iż-żmien il-karettuni kienu jgħaddu biswitha fi triqithom lejn l-għelieqi; illum traffiku mgħaġġel jgħaddi minn maġenbha anki tard billejl. Il-bidliet tal-kundizzjonijiet klimatiċi l-aktar dawn l-aħħar 60 sena ħallew (għalkemm mhux b'mod l-aktar degradanti) il-marka tagħhom fuq din l-istatwa.



Ftit tas-snin ilu dan il-Papa minqux fil-ġebel seta' jgħoddha b'waħda meta xi ħadd qaċċatlu rasu u wara tefagħha ġo vaska tal-ilma vojta, minn fejn b'xorti tajba nstabet xi ġranet wara u reġgħet tqiegħdet f'postha.

Kien għalhekk għaqli li Wirt iż-Żejtun ħadet l-inizjattiva li tieħu ħsieb il-konservazzjoni u r-restawr ta' din l-istatwa importanti. Il-konservazzjoni u r-restawr ta' oġġetti artistiċi jew storiċi llum huwa wieħed elaborat u mibni mhux biss fuq il-ħila manwali tar-restawratur, iżda jsegwi wkoll metodi xjentifiċi sabiex ix-xogħol jirrispetta kemm jista' jkun l-oġġett (fil-każ tagħna din l-istatwa) fl-aspetti kollha tiegħu. Intervent tajjeb ta' restawr irid jiggarantixxi li ma ssirx ebda ħsara lill-oġġett, irid jirrispetta u jżomm kemm jista' jkun il-materjali oriġinali (f'dan il-każ il-ġebel), filwaqt li jirrispetta ż-żmien ta' meta sar l-oġġett. Biċċa xogħol li għandha aktar minn 170 sena jrid jibqa' jidher fuqha l-effett tal-qedem tagħha. Xogħol ta' restawr li jikkanċella l-qedem tal-oġġett u jsir qisu sar ilbieraħ huwa ħażin ħafna. Intervent għaqli ta' konservazzjoni u restawr huwa fuq kollox intenzjonat li jippreserva l-oġġett għall-futur, li jtawwal l-eżistenza tal-oġġett kemm jista' jkun possibbli.

It-tipi ta' deterjorazzjoni li ġew identifikati fuq din l-istatwa kienu prinċipalment erbgħa. Dawn kienu ta' natura bijoloġika, tal-effett tar-riħ, tat-tixlif tal-ġebel u tal-graffiti li saru fi żminijietna. In-naħa tat-Tramuntana u tal-Punent b'mod partikulari, kienu kważi kompletament miksija bil-ħażiż u bil-likeni. Għalkemm xjentifikament m'hemmx konklużjonijiet li l-likeni jwasslu għad-deterjorazzjoni tal-ġebla, id-dehra tagħhom mhi sabiħa xejn u kienet ittellef mis-sbuħija ta' dan il-monument.

L-effett tar-riħ (li jġorr miegħu partiċelli fini u abbrażivi), jidher l-aktar fuq in-naħa tal-Lvant tal-istatwa, l-aktar fuq il-pedestall. F'dawn il-partijiet, il-ġebla hija mittiekla b'mod konsiderevoli.

Instab ukoll li xi partijiet mill-pedestall kienu miksura jew nieqsa, inkluża waħda mill-*bollards* li jinstabu f'kull kantuniera tal-pedestall.



Il-graffiti nstabu fil-livell t'isfel tal-pedestall fejn ovvjament jintlaħaq min-nies. Il-graffiti fil-passat kienu jsiru l-aktar bi skop ta' xi wegħda jew ringrazzjament lil Alla wara xi grazzja. Mal-ħitan ta' din il-knisja għandna xi eżempji. Il-graffiti li nsibu ma' din l-istatwa jikkonsistu l-aktar f'ismijiet tan-nies u ta' dati ta' meta ġew minquxa. Ħafna drabi, l-iskop tagħhom huwa frivolu kif forsi tistgħu timmaġinaw, u għalhekk sa ċertu punt jistgħu jitqiesu bħala vandaliżmu.

L-interventi li twettqu fuq din l-istatwa kienu jikkonsistu l-ewwel nett fl-applikazzjoni ta' erbiċida speċifikata, sabiex tindirizza l-problema tal-ħażiż li kiber fuq din l-istatwa. Importanti ngħid li għalkemm l-istatwa tnaddfet mill-ħażiż li kellha, ittieħdet deċiżjoni li l-likeni





ma jitneħħewx għalkollox għaliex kif għedt dawn ma jagħmlux ħsara lill-ġebla u barra minn hekk huma wkoll sinjal taż-żmien li għandha l-istatwa. It-tindif tal-ġebla sar kollu manwali b'għodda li ma tigrifx il-wiċċ tal-ġebla u b'hekk ġiet ippreservata t-tessitura tal-ġebla. It-tajn (il-fili) li kien deterjorat jew nieqes kien sostitwit b'ieħor speċifikament manifatturat għall-konservazzjoni u r-restawr tal-ġebla.

Ir-ras tal-istatwa ġiet eżaminata bir-reqqa sabiex jiġi aċċertat li tqiegħdet b'mod korrett meta kienet twaħħlet mill-ġdid wara li kienet tqaċċtet.

Il-*bollard* imqaċċta tqiegħdet f'postha permezz ta' *dowels* tal-*fibre* u kolla apposta għat-tiswija tal-ġebla.

Il-ħofor fil-ġebla li saru mir-riħ u l-graffiti ġew stokkjati b'taħlita kompatibbli mal-ġebel u b'kulur miżjud sabiex jintegra mal-lewn tal-ġebel tal-pedestall.

Il-partijiet nieqsa fil-ġebel ġew mibnija b'materjal apposta, u fejn il-ħsara kienet kemxejn estensiva saru ingastaturi preċiżi mal-ġebla oriġinali.

Ix-xogħol kollu li sar fuq din l-istatwa għamlu s-Sur Anthony Vella li huwa mastru kkwalifikat mill-MCAST fix-xogħol ta' restawr fil-ġebla. Il-Perit Ruben Abela ssorvelja x-xogħol.

Nagħlaq dan id-diskors billi nagħti prosit lil Wirt iż-Żejtun ta' din l-inizjattiva. Kull komunità għandha dejjem taffaċċja l-isfidi ta' żmienha u tħares 'il quddiem sabiex ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti. B'din il-perspettiva dejjem quddiemna m'għandna qatt nittraskuraw jew neqirdu l-wirt storiku u artistiku li ħadmu għalih missirijietna. Ħafna minn dawn l-opri juru min aħna, jagħtuna identità u jispirawna sabiex aħna wkoll inħallu tifkiriet simili lill-ġenerazzjoni futura.



Fl-Uffiċċju Parrokkjali hemm għall-bejgħ varjetà ta' Souvenirs tal-Ewwel Tqarbina, Griżma tal-Isqof, kif ukoll ta' Santa Katarina. It-Tapezzerija bix-xbieha ta' Santa Katerina taż-Żejtun jew *Key Chains* bl-istess xbieha huma rigali sbieħ li japprezzawhom kemm il-kbar, kif ukoll it-tfal.



WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!

**MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES**

WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE



BIBAS

**YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT BIBAS, HOMPESCH ROAD, FGURA.**
**Tel: 2169 1269 E-mail: bibas@go.net.mt**

5% DISCOUNT
ON PRESENTATION OF THIS ADVERT
THIS VOUCHER IS REDEEMABLE ONCE AND DOES NOT FORM PART OF ANY OTHER OFFER.